# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni numru 2430

Każ numru 2590/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn

Paul Caruana 289962(M)
u
Airest Limited
(C40070)

dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta

**Chairman: <u>James Henry Pearsall</u>**

**Illum l-Erbgha 20 ta'Lulju 2016**

1. **Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota ta' rikors ippreżentata minn Paul Caruana fil-Qorti Superjuri nhar il-11 ta' Ġunju 2008 fejn sostna li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu ma kinitx għal raġuni valida skont l-ATT tal-2003 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. (Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta)

Min-naħa tas-soċjetà intimata, f'dikjarazzjoni li għamlet, datata t-8 ta' Lulju 2008, ċaħdet bil-qawwa l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrent bħala infondati. It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-każ kif ppreżentati miż-żewġ partijiet, żamm għaxar (10) seduti, sema' x-xhieda mressqa miż-żewġ naħat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa inkonsiderazzjoni l-argumenti kif ippreżentati fit-trattazzjoni finali.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-liġi minħabba numru ta' diferimenti mitluba mis-soċjetà intimata kif ukoll ċirkustanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

2. **Ir-rappreżentanza:**

Paul Caruana, li minn issa 'l-quddiem ser ikun imsejjaħ bħala r-rikorrent, kien irrapreżentat mill-Avv. Joanne Vella Cuscihieri u l-Avv. Abigail Critien.

Is-soċjetà Air Rest Malta Ltd, li minn issa 'l quddiem ser tkun imsejħa s-soċjetà intimata, kienet irrappreżentata mill-Avv. Ian Spiteri Bailey u l-Avv Ronald Aquilina.

3. **Il-fatti tal-każ fil-qosor:**

Ir-rikorrent kien impjegat mal-kumpanija intimata b' kuntratt indefinit bħala *storekeeper*. Fit- 30 ta' Mejju, 2008 ir-rikorrent irċieva ittra li permezz tagħha l-impjieg tiegħu kien qed jiġi terminat b'effett mid-data tal-istess ittra. Ir-rikorrent isostni li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu ma kinitx waħda valida ai termini tal-liġi.

Is-soċjetà intimata fir-risposta tagħha esponiet illi f'dan l-istadju jingħad biss illi t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent saret u seħħet għal raġuni valida fil-liġi u dan peress illi s-soċjetà esponenti aġixxiet wara deċiżjoni tal-Bord tad-dixxiplina, kif ikkonfermata mill-Bord tal-Appell, wara illi l-istess rikorrent naqas li jiġġustifika aġir tiegħu illi ż-żewġ Bordijiet ikkonkludew illi kien jikkostitwixxi offiżi serji li jwasslu għat-terminazzjoni tal-impjieg, kollox ai termini tal-Ftehim Kollettiv viġenti.

4. **Il-lista ta' xhieda:**

Xhieda imressqa ser ikunu skont kif elenkati fil-listi annessi kemm fir-rokors tar-rikorrent kif ukoll fir-risposta tas- soċjetà intimata.

5. **Il-lista ta' dokumenti:**

Dokumenti ppreżentati mir-rikorrent immarkati bhala Dok PC 1 sa PC5.
Dokumenti ppreżentati mis- soċjetà intimata mmarkati bħala Dok RA 1 sa Dok RA 12.
Kif ukoll kopja tal-Ftehim Kollettiv tas- soċjetà intimata.

6. **Ġabra fil-qosor tax-xhieda:**

**6.1 Paul Caruana:** *"... u fl-istess ħin qed toħroġli l-istess dipressjoni li kont għaddej minnha qabel anke meta ma kontx magħhhom."* (Sed. 11-12-2009, paġ. 14)
**"**... *Marret biex tagħtihom il-mara u hu qalli "jimporta tagħtini int" għidtlu "mhux xorta" u tajtu jien."* (Sed. 08-12-2010, paġ. 17)

**6.2 Emvin. Bartolo:** "... *kont nosserva lis-Sur Caruana diversi drabi jagħmel movementi bħal m'huwa knis pereżempju, jqandel xi kaxxi minn ġol-vann ta' supplier għal ġol-ħanut li dak kien jikkostitwixxi ksur ta' dritt tas-sick leave li kien qiegħed jikklejmja."*

"*Dak il-ħin infixel. Fil-fatt dar fuq li qed nassumi l-mara tiegħu u qalilha qed inħossni ma niflaħx, qed nistordi ħa mmur id-dar nieħu pilloli...*" (Sed. 21-05-2010, paġ. 6).

**6.3 William Martin:** "*Fit-28 ta' Marzu erġajna morna l-ħanut ... erġajna għat-tieni darba sibna lil Paul Caruana.*" (Sed. 18-06-2010, paġ. 5)

**Dr. R.Aquilina:** "*X'kien qed jagħmel Paul Caruana?*"

**William Martin:** "*Kien qed jattendi għall-klijenti tiegħu.*" (Sed. 21-06-2010, paġ. 5)

"*... Pawlu Caruana kien applika biex jiġi boarded out...*" (Paġ. 21)

"*... wieħed milli ma rrapurtax għax-xogħol irraporta mill-ewwel sick kien proprju Pawlu Caruana.*" (Paġ. 21)

**6.4 Arthur Gauci:** "*... skont il-proċeduri li hemm issettjati fil-collective agreement imxejna biex nieħdu passi dixxiplinarji ta' kontra s-Sur Paul Caruana għax dehrilna li kien hemm abbuż sfaċċat mis-sick leave għax hu fil-verità kien qed jaħdem ...*" (Sed. 3-12-2010, paġ. 9)

**6.5 Avv R. Aquilina**: "*X'kien ir-rispons tas-Sur Caruana meta offrejthulu li jagħmel dan ix-xogħol?*"
**Arthur Gauci**: "*Xejn assolutament.*" (Paġ. 14)

**6.6 L-Avv R.Aquilina** staqsa lir-rikorrent, "I*gifieri inti suppost kellek tirraporta għax-xogħol ma' Airest f'April u qabel Ġunju m'ersaqtx lejn Airest?*"

**Paul Caruana: "***Qabel kelli nibda f'April kont diġà bis-sick ma stajtx nattendi.***"** (Sed. 1-06-2011, paġ 4)

**L-Avv R.Aquilina** staqsa lir-rikorrent, "*L-ewwel li mort Airest kien fil-21-06-2007. Minn dakinhar 'l quddiem bejn wieħed u ieħor xi kemm ħadt sick leave?*"

**Paul Caruana: "***Mill-1 ta' April sa Ġunju bagħtu għalina anke Airest t-tabib tagħhom Dr Galea Debono fuq depression ukoll u ma qalilna xejn li boarded out, konna tmienja jew disgħa…*" (Sed. 1-07-2011, paġ 5).

**7. Is-sinteżi tat-trattazzjoni tal-każ:**

**L-Avv. Ronald Aquilina** għas-**socjeta** intimata waqt it-trattazzjoni tiegħu espona l-fatt li r-rikorrent ġie tterminat l-impjieg tiegħu wara karriera ta' *sick leave*, effettivament inqabad f'iżjed minn okkażjoni waħda jaħdem filwaqt li suppost kien qiegħed bis-*sick leave*. L-Avv. R. Aquilina spjega kif ir-rikorrent kien diġà beda is-*sick leave* tiegħu minn qabel beda x-xogħol mas-soċjetà intimata,meta hu kien qiegħed jitlob sabiex jiġi *boarded out* mill-kumpanija Air Malta, u li din l-istess kumpanija ma kinitx aċċettat it-talba tiegħu. Ir-rikorrent daħal għax-xogħol mas-soċjetà intimata fejn id-doveri li ingħata kienu differenti minn dak li kien jagħmel qabel, peress li tali doveri ma kinux jeżistu aktar fix-xogħol li kellha s-soċjetà intimata. Minn hawn ir-rikorrent reġa' kompla bis-*sick leave* sakemm anke wasal li kellu jieħu *sick leave* bla ħlas.

**L-Avv. R.Aquilina** irritjena li s-soċjetà intimata setgħet ħadet passi dixxiplinarji fir-rigward ta' dan l-aġir tar-rikorrent, meta l-mard li kellu, kif riferut bħala *depression*, kien diġà qed iseħħ fuqu minn qabel hu kien impjegat mas-soċjetà intimata, u li dan ma kienx kaġun ta' xi inċident li seħħ waqt il-qadi ta' dmirijietu ma' din l-istess soċjetà. L-Avukat Aquilina kompla t-trattazzjoni tiegħu fejn spjega l-inċidenti ikorraborati minn numru ta' xhieda meta r-rikorrent instab fil-ħanut tal-mara tiegħu, għal diversi drabi, fejn instab jaħdem. Is-soċjetà intimata għamlet Bord ta' dixxiplina kif ukoll Bord għall-Appell fejn ir-rikorrent , wara smigħ xieraq u fil-linja tal-Ftehim Kollettiv instab ħati ta' akkużi miġjuba kontrih.

**L-Avv. R. Aquilina** ta rendikont kif seħħew l-avvenimenti minn naħa tar-rikorrent minn meta beda bis *sick leave* u x' għamel matul dan il-perjodu meta kien barra mix-xogħol. Hu spjega ukoll li s-soċjetà intimata għamlet diversi tentattivi sabiex lir-rikorrent tagħtih doveri differenti minn dawk li kien qiegħed joġġezzjona li jagħmel, anke jekk l-istess soċjetà kienet lesta sabiex tagħtih it-taħriġ meħtieġ. Dan il-pass is-soċjetà għamlitu kif għamlet ma' diversi impjegati li bħalu kienu ġew trasferiti għal mas-soċjetà intimata, iżda dan irriżulta fin-negattiv mar-rikorrent. (Dok R.A /2)

**L-Avv Abigail Critien** għar-rikorrent waqt it-trattazzjoni tagħha spjegat il-fatti relatati mal-mard li kellu, u li dan anke kien iċċertifikat minn speċjalista, fatti li skont l-Avv A. Critien huma kkaġunati mill-fatt tal-bdil tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. (Sed. 23-04-2014, paġ. 7).

**L-Avv. A. Critien** semmiet il-każ ta' meta s-soċjetà intimata bagħtet rappreżentanti tagħha fil-ħanut tal-mara tar-rikorrent u sostniet li dak li instab jagħmel ma kienx jikkostitwixxi xi forma ta' xogħol ,iżda kien qiegħed jagħmel dak li qalulu t-tobba, li m'għandux joqgħod waħdu u li għandu joħroġ mid-dar.

**L-Avv. A. Critien** ikkontestat il-fatt ta' dak li s-soċjetà intimata spjegat li dak li kienet għamlet mar-rikorrent bħala "*in good faith*". L-Avv. A. Critien qalet, "*...li s-soċjetà tiġi tgħidli li għandha good faith fil konfront tar-rikorrent bl-akbar rispett ma tistax titwemmen."* (Sed. 23-04-2014, paġ. 7)

**L-Avv. A. Critien** għamlet mistoqsija lit-Tribunal, "*...x'kien qiegħed jagħmel is-Sur rikorrent f'dan il-każ, x'ippretendietu li joqgħod jagħmel is-soċjetà, meta dan qegħdin nitkellmu fuq il-ħanut tal-mara tiegħu. Dan ma marx l-ETC irreġistra ruħu għall-impjieg! X'ippretendietu jagħmel is- soċjetà li joqgħod bilqiegħda jħares lejha waqt li hi qed taqdi n-nies u jekk jara lil mara tiegħu illi forsi f'ħin partikolari għandha n-nies ma jagħmilx xi ħaġa???"* (Sed. 23-04-2014, paġ. 11)

**8. Il-Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:**

It-Tribunal Industrijali fil-kunsiderazzjoni tiegħu f'dan il-każ ħares lejn dawn l-aspetti :

(a) Li l-ġustizzja f'każ bħal dan trid issir kemm mal-impjegat (ir-rikorrent) kif ukoll ma' min jimpjega (is-soċjetà intimata).
(b) Jekk is-soċjetà intimata wrietx xi diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent anke meta dan kellu jgħaddi bord tad-dixxiplina.

(c) X'għandha tkun ir-raġuni vera, kif ukoll il-manjiera ta' kif seħħet it-terminazzjoni mill-impjieg, sabiex tiġi ddeterminata l-ġustizzja jew in-nuqqas tagħha fit-tkeċċija tar-rikorrent. (Locomotive Engineers & Firemen vs Brady 2006 IRLR 576 EAT).

(d) Is-soċjetà intimata aġġixxietx raġonevolment billi tat perjodu biżżejjed lir-rikorrent sabiex jasal ghal xi decizjoni meta ser jidhol ghax-xoghol qabel ma temmet l-impjieg tiegħu? Ir-rikorrent ġie tterminat mill-impjieg tiegħu minħabba abbuż mil-*leave* tal-mard, jew għal xi raġuni oħra?

It-Tribunal ikkunsidra l-fatti u dan fl-isfond tal-pożizzjoni kemm tar-rikorrent kif ukoll il-posizzjoni kummerċjali tas-soċjetà, sabiex din waslet għall-deċiżjoni finali.

Is-soċjetà intimata ttratat lir-rikorrent bil-kunsiderazzjonijiet permissibbli fiċ-ċirkustanzi momentarji, sa anke żammet il-post tax-xogħol vakanti bil-ħsieb li r-rikorrent jerġa' jirritorna għax-xogħol.

It-Tribunal innota li s-soċjetà intimata tat ċans fit-tul sabiex ir-rikorrent jagħmel użu tajjeb mil-*leave* tal-mard dovut lilu, kif ukoll fehem ukoll li s-soċjetà ħadet konsiderazzjoni simpatetika li r-rikorrent kien intitolat għaliha, iżda dan irid ikun meqjus f'perjodi limitati sensibilment.

Min jimpjega jrid jibqa' jieħu r-responsabilita tal-impjegat li qiegħed barra mix-xogħol fuq *leave* tal-mard, għall perjodu itwal minn raġonevoli sabiex jakkomoda lill-impjegat, iżda t-Tribunal irid jara li ż-żmien raġonevoli għandu jkun mitqies mill-fatti u raġunijiet speċifiċi ta' kull każ. (Garricks Caterer's Ltd vs Nilon 134 1980 IRLR 259 EAT). Tenut kont ta' dan is-soċjetà intimata ma ħadet l-ebda pass, "*Damet għaddejja sa xi Ġunju bażikamanet sakemm eżawrixxa s-sick leave kollu tiegħu u at that stage aħna ma ħadna l-ebda azzjoni, iġifieri ma ppruvajniex naraw jekk hemmx abbuż jew le.*" (Sed. 18 ta' Ġunju 2010, paġ. 21, xhieda tas-Sur Arthur Gauci)

It-Tribunal jifhem ukoll li s-soċjetà intimata minkejja li ma kinitx marbuta li toffri xi xogħol alternattiv, ippruvat tagħmel dan għal diversi drabi, anke jekk ir-rikorrent minħabba mard kien barra mix-xogħol fit-tul bla ebda indikazzjoni li huwa kien ser jerġa' lura.

It-Tribunal jifhem ukoll li ġaladarba l-mard li kellu r-rikorrent kien riżultat, li inizjalment ma ġiex ikkawżat mix-xogħol li kien qiegħed jagħmel mas-soċjetà intimata, dan ma kellux iżomm lis-soċjetà li tieħu passi neċessarji meħtieġa, fejn is-soċjetà ma kellhiex triq oħra ħlief li kellha taġġixxi fl-inkwadratura tal-passi raġonevoli eżistenti li kienu jiddependu miċ-ċirkustanzi. (Rolls Royce Ltd vs Wilpole (1980. IRLR 343 EAT).
It-Tribunal innota waqt ix-xhieda tas-Sur Arthur Gauci li meta semma "*...għandi suspetti li jista' jkun li qed ikun hemm abbuż mis-sick leave li qed jieħu s-Sur Caruana u niftakar il-kliem preċiż li kien qalli s-sur Charlie Agius tal-union qalli inti possibbli ma tafx x'għandek tagħmel jekk taħseb li qiegħed jabbuża u dak il-kliem daħluli ġo moħħi...*" (Sed. 3-12-2010, paġ 8)

Fl-aħħarnett it-Tribunal kellu jħares lejn il-fatti li ġraw, u ċjoe dak li r-rikorrent abbuża mil-*leave* tal-mard, li minħabba hekk hu ġie mgħoddi bord ta' dixxiplina, u mhux ir-raguni x'kien u għaliex ir-rikorrent kien qiegħed jagħmel hekk. (Selwyn's Law of Employment page 101 Art 4.6)

**7 Id-deċiżjoni:**

It-Tribunal Industrijali fela' u evalwa x-xhieda tal-partijiet u d-dokumenti kollha, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda, kif ukoll ħa inkunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet.

Fehem il-pożizzjoni u-raġunijiet li kien wasslu lir-rikorrent fejn kellu jassenti ruħu mix-xogħol għal żmien twil fuq *leave* tal-mard, wiżen ukoll l-atteġjament minn naħa tas-soċjetà intimata, fejn allura mill-fatti, it-Tribunal ikkonkluda li kien l-aġir tar-rikorrent stess li ġiegħel lis-soċjetà intimata tieħu l-passi dixxiplinarji fir-rigward ta' ksur tal-ftehim kolletiv, meta r-rikorrent abbuża mil-*leave* tal-mard. U dan wara li l-istess soċjetà għamlet dak kollu possibbli sabiex ir-rikorrent jirritorna lura għax-xogħol.

Fid-dawl ta' dan kollu, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent kienet waħda ġusta u skont il-liġi.

Għall-finijiet ta'Avviż Legali 48 tal 1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' 93 euro u 17-il ċenteżmu.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

(iffirmat)

James Pearsall

Chairman